MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-6 ta' April, 2010

Numru. 1203/2009

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JEFFREY CILIA**

**KONTRA**

**ABDUSSALAM ESSALHI ELFITOURI** ta' 24 sena bin Essalhi u Halima nee' Turki, imwiwled Tripoli nhar id-29 ta' Settembru, 1985 detentur tal-Passaport Libjan numru 470844/2007

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi **Abdussalam Essalhi Elfitouri**, li gie akkuzat talli:

1. Nhar il-25 ta' Settembru, 2009 ghal habta tas-1.30a.m. fis-Swieqi ikkommetta serq ta' diversi oggetti liema serq hu aggravat bil-vjolenza u bil-valur, u li jaccedi

l-€232.94, izda mhux €2,329, u li sar a detriment ta' Ramon Agravante;

2. U aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi tal-awtorita kompetenti u barra mill kazijietm li fihom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm, jew issekwestra lil Ramon Agravante kontra l-volonta tieghu;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, zamm u garr arma li taqta u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal Pulizija;

4. U aktar talli fl-istess data hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li huwa kien qieghed jaghmel delitt kontra l-persuna kellu fil-pusess tieghu arma regolari u cioe' strument li jaqta u bil-ponta;

5. U aktar talli fl-istess data hin, lok u cirkostanzi laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif wkoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew jittrasferixxijhom;

Rat wkoll li fis-seduta tat-30 ta' Marzu, 2010, gew korretti l-istess akkuzi ghal liema akkuizi kif korretti l-imputat ghazel li jammetti, liema ammissjoni giet minnu kkonfermata.

Semghet ghalhekk it-trattazzjonijiet dwar il-piena.

Ikkunsiderat.

Illi certament in vista tal-ammissjoni tal-istess imputat, din il-Qorti qed issib htija ai termini ta' l-artikoli 261(a)(c), 262(i) (5), 267, 276, 277 tal-Kap 9 Tal-Ligijiet ta' Malta.

Kienu mezz ghal fini u hawn ghalhekk japplika l-artiklu 17 (b) Tal-Kap 9.

Wara li rat l-Artiklu 334 tal-Kap 9 in kwantu din kienet akkuza alternattiva, tilliberah mill-effetti tal-hames akkuza.

Dwar il-piena, rat wkoll l-artiklu 392A tal-Kap 9, rat wkoll l-artiklu 17 u 20 tal-Kap 9 ikkunsidrat anke z-zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv, innotat wkoll il-vjolenza wzata fl-esekuzzjoni tal-istess reat, tikkundannah ghal piena karcerarja effettiva ta' tnax il-xahar.

Rat wkoll l-artiklu 533 tal-Kap 9 u qieghda wkoll tikkundanna lil Abdussalam Essalhi Elfitouri biex fi zmien gimgha mil-lum jhallas is-somma ta' €133.79 bhala spejjez legali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------